Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 07/2017

**Il-Ħamis 22 ta' Ġunju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mark Causon – Kunsillier **(Dok. 1)**

**ASSENTI**
Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

7.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Mark Causon talab li jkun skużat. **(Dok. 1)**

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 06/2017.

7.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 06/K7/2017 kif ippreżentati.

7.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

7.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

7.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1917/17/I** fejn informa lill-Kunsill li TCTC aċċettaw li jagħmlu l-kors Robotica mingħajr ħlas u għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din l-offerta biex isiru dawn il-korsijiet fil-Kunsill.

7.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1967/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-kwotazzjoni ta' Marindex għall-provvista ta' midalji, mementos ta' rikonoxximent u mementos lil dawk il-parteċipanti li mhux ser jitħalsu għas-servizzi tagħhom, għall-attivita' ta' Jum Pembroke.

7.4.5 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

7.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1840/17/I** u **46/2003/17/I** fejn informa lill-Kunsill li wara l-laqgħa li saret mal-artist Antoine P. Camilleri fil-preżenza tal-Viċi Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, l-artist irrakkomanda bust ta' mara b'tarbija fuqha bil-possibilita' li tiżdied ukoll figura ta' tifel iġorr basket tal-iskola u ballun li jirrappreżentaw l-isports u l-edukazzjoni fil-lokal. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan il-monument fir-roundabout ta' quddiem il-Kunsill ladarba dan ser jiġi ffinanzjat mill-Gvern. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ikun hemm bżonn, l-upgrading tar-roundabout isir mill-kuntrattur tal-Kunsill għas-spejjeż tal-Kunsill fejn jekk possibbli

tinbena ġiebja, jitneħħew l-arbuxelli u siġar li hemm u minflok isir turf u fjuri mad-dawra.

7.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

7.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1899/17/I** u **46/1884/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel upgrading tas-sit li hemm fi Triq il-Mediterran wara Blokk 6 li jiġi fi Triq Pietru D'Armenia billi jitnaddaf is-sit, jitneħħew is-siġar kollha tal-akaċja li hemm u jinżergħu arbuxelli u siġar indiġini li jibqgħu baxxi. Il-kelliem ippropona wkoll li dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors.

7.4.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1984/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-kwotazzjoni ta' TSS għall-prezz ta' €865.00 għall-provvista ta' dawl, palk, sound u generator għall-attivita' ta' Jum Pembroke.

7.4.14 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

7.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2013/17/I** fejn informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa ma' GreenPak fil-preżenza tal-kuntrattur tal-Kunsill fejn kien preżent wkoll il-Viċi Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg. Fl-istess laqgħa intlaħaq ftehim li l-proġett pilota għandu jibda b'effett mill-Ġimgħa 23 ta' Ġunju 2017 u jkun għall-perjodu ta' sena li jista' jiġġedded. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova dan il-ftehim.

7.4.17 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2028/17/I** fejn ippropona li wara l-laqgħa li saret mas-sur Brian Cardona fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, kif ukoll abbażi tad-dokumentazzjoni provduta, il-Kunsill għandu jesplora t-talba tiegħu li jitpoġġew kontenituri ta' lewn blu fil-lokal biex jinġabru fihom ħwejjeġ u żraben użata, għar-riċiklaġġ.

7.4.20 Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li din it-tip ta' skip għandha ssir mill-Kunsill fil-parking tal-Kunsill u jkun il-Kunsill li jara għand liema għaqda karitattiva għandhom imorru dawn il-ħwejjeġ li jinġabru u għalhekk it-talba tas-sur Brian Cardona għandha tiġi rifjutata.

7.4.21 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.4.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.23 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2031/17/I** u **46/2063/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' l-offerta tar-resident Dr. Alessandro Lia li offra li senza nteressi jipprepara u jassisti lill-Kunsill quddiem il-PA u jekk ikun il-każ anke fil-Qorti biex isiru appelli kontra permessi maħruġa u li għad jistgħu jinħarġu mill-PA għal bini għoli ta' sitt sulari minflok id-djar residenzjali.

7.4.24 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.4.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.26 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2068/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta l-kwotazzjoni tas-Sinjuri Mario Cassar u Stephen Mifsud għas-servizzi tagħhom għall-prezz ta' €300.00 inkluż il-VAT għall-attivita' ta' Jum Pembroke.

7.4.27 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.4.28 Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutat kontra.

7.4.29 Il-mozzjoni għaddiet.

7.4.30 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2076/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jimxi fuq il-parir tal-accountant tal-Kunsill dwar x'għandu jsir mal-kumpanija ICT Solutions dwar il-problema tad-deprezzament fuq is-sistema tal-Evolution.

7.4.31 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.4.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.33 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2123/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa fl-inizjattiva tal-MOC vis-a-vis il-Queen's Baton Relay f'Malta bejn it-22 u l-24 ta' Settembru, bil-possibilita' l'issir attivita'.

7.4.34 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.4.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4.36 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2125/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jaċċetta l-kwotazzjoni ta' Candy Rush Group għall-kiri ta' bouncing castle għal waqt l-attivita' ta' Jum Pembroke 2017.

7.4.37 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

7.4.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

7.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 26/2017** – Kwotazzjonijiet għall-provvista ta' stickers **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 27/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 06/K7/17 u 07/K7/17. **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 28/2017** - Lista ta' ilmenti li saru bejn laqgħa referenza 06/K7/17 u 07/K7/17 u li għadhom pendenti. **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 29/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 06/K7/17 u 07/K7/17. **(Dok. 5)**

7.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 28/2017** dwar l-ilmenti li kien għad hemm pendenti, fejn talab il-kumment tal-membri tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona:

| Ref. | | Ilment | Azzjoni |
|---|---|---|---|
| 22 | 2017 | Talab biex issir il-kontenitur li tarmi l-ħwejjeġ fih u li tinżebagħ stop fil-kantuniera ta' Triq Gabriele Henin minhabba li ta' spiss jaħbtu. | Dan ix-xogħol għandu jiġi ordnat. |
| 23 | 2017 | Talab isir patching fi Triq Fra Francesco Wizzino fil-kantunieri madwar il-Batterija fejn hemm il-madum l-aħmar u fi Triq Burma quddiem garaxx 183. | Dan ix-xogħol għandu jiġi ordnat. |
| 24 | 2017 | Talbet sabiex isiru 2 bins fit-triq tal-bajja (wieħed kull naħa tat-triq) | Din it-talba ma tistax tiġi milqugħa minħabba li diġa hemm bins fiż-żewġ truf tal-istess triq, minħabba li m'hemm ebda bankina kif ukoll minħabba li jista' jkun ta' periklu ta' ħruq mill-vandali li jispiċċa ta' ħsara ambjentali fuq is-sit Natura2000. |
| 25 | 2017 | Talbet sabiex isir patching mad-dawra ta' Blokk 7, Triq Patri Serafin Zarb. | Dan ix-xogħol għandu jiġi ordnat. |

7.5.3 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

7.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 26/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

7.5.6 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.5.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 29/2017** dwar xiri ta' stickers, fejn ippropona li tintgħażel l-irħas offerta dik ta' Bonnici Press.

7.5.9 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

7.5.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7.6 Tender 2017/01 for the Provision of Legal Consultant Services.

7.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-offerti kienu nfetħu iżda rrimarka li l-evelwaturi kien għadhom m'għamlux l-evalwazzjoni tagħhom u għalhekk dan l-item għandu jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

## 7.7 Upgrading tar-roundabout quddiem il-Kunsill.

7.7.1 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suġġett diġa kien ġie eżawrit aktar kmieni fil-laqgħa.

## 7.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

7.8.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 6 sa 7)**

7.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

7.8.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

7.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7.9 Mozzjonijiet.

7.9.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 7.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

7.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Lulju 2017 fit-3:30pm.

Konfermati, illum 27 ta' Lulju, 2017

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok 1

**Pembroke Local Council at Local Councils**

**From:** mark causon <causonmark@hotmail.com>
**Sent:** 22 June 2017 17:29
**To:** Borg Kevin at Local Councils; Pembroke Local Council at Local Councils
**Subject:** to be excused

Kevin
please excuse my absence i am not going to make it.
regards
mark

Kunsill Lokali
Pembroke
23 JUN 2017
46 / 2 147 / 17 / 1

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 026/2017** **22 ta' Ġunju 2017**

# Kwotazzjoni għal stickers

Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għal printing u provista ta' 1,000 stiker għall-permess ta' skip fit-triq u 1,000 stiker għall-no parking

| Isem il-kumpanija | 2,000 stiker PVC | 2,000 stiker tal-karti |
|---|---|---|
| Abbey Pre Press | 1,770.00 | 365.80 |
| Bestprint | Na | 413.00 |
| Golden Gate Co. Ltd. | na | 266.28 |
| Sign Services | na | 1,652.00 |
| AF Sign Studio | 708.00 | na |
| Bonnici Press | na | 231.00 |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 27/2017** **22 ta' Gunju 2017**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 06/K7/17 u 07/K7/17

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 30/05/2017 | Laqgha tal-Kunsill numru 06/K7/2017 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 08/06/2017 | Laqgha ma' Electrowaste Ltd dwar il-bins tal-hwejjeg | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 08/06/2017 | Laqgha ma' l-istudent Mark Oneill dwar Dissertation on Litter Management | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 08/06/2017 | Laqgha ma' xi student fuq progett ta' l-arti | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 08/06/2017 | Stedina lis-Sindku minghand l-Iskola ta' San Miguel ghal cerimonja ta' Gradwazjoni | Skola San Miguel | Dean Hili |
| 12/06/2017 | Laqgha ma' MTA, Nature Trust u AFM dwar il-Pembroke Heritage Project | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 14/06/2017 | Coarse ghas-segretarji organizzat mill-Institute for the Public Services | Institute for the Public Service | Kevin Borg |



PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14/06/2017 | Laqgha ma' Antoine Camilleri re monument for public art | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 15/06/2017 | Laqgha ma' GreenPak dwar il-gbir tal-WEEE | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Kevin Borg |
| 15/06/2017 | Laqgha ma' l-FAA flimkien mal-Perit tal-Kunsill dwar l-gholi tal-bini | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Kevin Borg |
| 21/06/2017 | Smiegh ta' PA/07277/16 (58, Triq L- Isqof Angelo Portelli, Pembroke) | Kunsill Lokali Pembroke | Ray Lanzon<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Avv. Dean Hili, **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4.

**Internal Memo Referenza 28/2017** **22 ta' Gunju 2017**

# Lista ta' ilmenti li għadhom pendenti bejn il-Laqgħa 06/K7/17 u 07/K7/17

| Referenza | | | Ilment |
|---|---|---|---|
| 22 | 2017 | Manuel Casha | Talab biex issir il-kontenitur li tarmi l-hwejjeg fih, tinzebagh stop fil-kantuniera ta' Triq Gabriele Henin minhabba li ta' spiss jahbtu. |
| 23 | 2017 | Saviour Portelli | Talab isir patching fi Triq Fra Francesco Wizzino fil-kantunieri madwar il-Batterija fejn hemm il-madum l-ahmar u fi Triq Burma quddiem garaxx 183. |
| 24 | 2017 | Sandra Gojal | Talbet sabiex isiru 2 bins fit-triq tal-bajja (wiehed kull naha tat-triq) |
| 25 | 2017 | Vincenza Pace | Talbet sabiex isir patching mad-dawra ta' Blokk 7, Triq Patri Serafin Zarb |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

**Internal Memo Referenza 29/2017** **22 ta' Ġunju 2017**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 06/K7/17 u 07/K7/17

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 99 | 2017 | AS Supplies Ltd | Tlabna sabiex tipprovdi 3 tabelli tat-tibdiel tal-hinijiet |
| 100 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jipprovdi 3 laned żebgħa sofor u thinner |
| 101 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jinbidlu t-tabelli li hemm preżentament fi Triq San Ġorg Preca fejn il-ħin fuq it-tabelli ser jiżdied minn 5 minuti għal 15-il minuta. |
| 102 | 2017 | Corner Stone | Tlabna sabiex jissottometti oġġezzjoni għall-iżvilupp propost abbażi tal-istess oġġezzjonijiet preċedenti PA/04265/17 Triq l-Imħallef William Harding |
| 103 | 2017 | Comtec | Tlabna sabiex jissplixxi materjal ghal kontra i-nenmel u insetti |
| 104 | 2017 | DOI | Avviz fuq il-gazzetta sabiex l-4 ta' Lulju parti minn Triq Misraħ il-Paċi tknu magħluqa għat-traffiku u mhux ser ikun permess li jitħallew jipparkjaw vetturi |
| 105 | 2017 | DOI | Avviz fuq il-gazzetta tal-Gvern vis-a-vis il-girjiet ta' Jum Pembroke |
| 106 | 2017 | Corner Stone | Tlabna sabiex jissottometti oġġezzjoni għall-iżvilupp propost abbażi tal-istess oġġezzjonijiet preċedent PA/04619/17 – Triq il-Profs Jos E. Debono |
| 107 | 2017 | TSS Rentals | Tlabna sabiex toffri is-servizz tiegħek ta' sound, palk u dawl ghal nhar it-Tlieta 4 ta' Lulju 2017. |
| 108 | 2017 | Leon Promotions | Tlabna sabiex jissuplixxi bouncing castle ghall-attivita ta' Jum Pembroke |
| 109 | 2017 | Mario Cassar | Tlabna s-servizz tieghu u tas-sur Stephen Mifsud bhala compare ghas-serata ta' Jum Pembroke |
| 110 | 2017 | Julie Pomorski | Tlabna s-servizz taghha bhala kantanta ghas-serata ta' Jum Pembroke |
| 111 | 2017 | Jessica Muscat | Tlabna s-servizz taghha bhala kantanta ghas-serata ta' Jum Pembroke |
| 112 | 2017 | Renato Micallef | Tlabna s-servizz tieghu bhala kantant ghas-serata ta' Jum Pembroke |
| 113 | 2017 | Pembroke Store | Tlabna jissupplixxi luminata, ilma u affarijeit tal-ikel |
| 114 | 2017 | Marindex | Ordni ta' midalji, mementos u tokens ghal Jum Pembroke |
| 115 | 2017 | Sandro Vella | Ordni ta' siggijiet u mwejjed ghal Jum Pembroke 2017 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg



PEMBROKE